Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0112(COD)

3.10.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni (COM(2023)0227 – C9-0135/2023 – 2023/0112(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Luděk Niedermayer

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni
(COM(2023)0227 – C9-0135/2023 – 2023/0112(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0227),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0135/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Lulju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2023[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

[1] ĠU C 307, 31.8.2023, p. 19.
[2] ĠU C 349, 29.9.2023, p. 161.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li tissalvagwardja aħjar il-flus tal-kontribwenti u tistabbilixxi mekkaniżmi sistemiċi ġodda biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' insolvenza potenzjali ta' xi istituzzjonijiet finanzjarji mhux koperti mill-qafas ta' riżoluzzjoni eżistenti. Dak il-qafas huwa mfassal biex inaqqas il-piż ekonomiku fuq is-soċjetà billi jnaqqas il-kostijiet ġenerali assoċjati mal-fallimenti ta' banek. Jenħtieġ li l-użu tal-flus tal-kontribwenti, bl-introduzzjoni ta' qafas ġdid, jitnaqqas b'mod sinifikanti sabiex jiġi żgurat li l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jintuża b'mod aktar frekwenti u effettiv.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Wieħed mill-objettivi ewlenin ta' din id-Direttiva huwa li tintroduċi approċċ aġġornat u sett ta' għodod li jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet biex jittrattaw b'mod effettiv il-falliment potenzjali ta' xi banek jew grupp ta' banek. Dak l-approċċ jenħtieġ li jippromwovi t-trasparenza u l-prevedibbiltà, filwaqt li jimminimizza l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi. Approċċ bħal dan huwa allinjat mal-prinċipju ġenerali ta' rikapitalizzazzjoni interna tad-Direttiva 2014/59/UE, filwaqt li tinżamm ukoll il-fattibbiltà prattika li jiġi indirizzat il-falliment ta' banek ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub biex jiġi applikat potenzjalment għal kwalunkwe istituzzjoni jew entità, irrispettivament mid-daqs u l-mudell tan-negozju tagħha, jekk l-għodod disponibbli skont il-liġi nazzjonali ma jkunux adegwati għall-immaniġġar tal-falliment tagħha. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal istituzzjoni jew entità li qed tfalli. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi, ċerti funzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità jistgħu jitqiesu bħala kritiċi anki jekk id-diskontinwità tagħhom ikollha impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja jew fuq is-servizzi kritiċi biss fil-livell reġjonali.	(9) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub biex jiġi applikat potenzjalment għal kwalunkwe istituzzjoni jew entità, irrispettivament mid-daqs u l-mudell tan-negozju tagħha, jekk l-għodod disponibbli skont il-liġi nazzjonali ma jkunux adegwati għall-immaniġġar tal-falliment tagħha. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal istituzzjoni jew entità li qed tfalli. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi, ċerti funzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità jistgħu jitqiesu bħala kritiċi anki jekk id-diskontinwità tagħhom ikollha impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja jew fuq is-servizzi kritiċi biss fil-livell reġjonali ***fuq skala sinifikanti***.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Meta l-oqfsa nazzjonali ta' insolvenza u ta' riżoluzzjoni jiksbu b'mod effettiv l-objettivi tal-qafas b'mod komparabbli, jenħtieġ li tingħata preferenza lill-għażla li timminimizza r-riskju għall-kontribwenti u għall-ekonomija. Dak l-approċċ jiżgura azzjoni prudenti u responsabbli, allinjata mal-għan ġenerali li jiġu salvagwardjati kemm l-interessi tal-kontribwenti kif ukoll l-istabbiltà ekonomika usa'.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tkun tirrifletti wkoll, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta' xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew SGD) u, min-naħa l-oħra, il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri mill-flus tal-kontribwenti. Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri għandu riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina tas-suq. Għalhekk, meta jivvalutaw l-objettiv li tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jsibu finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-SGD preferibbli ***għal finanzjament*** permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri.	(11) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tkun tirrifletti wkoll, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta' xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew SGD) u, min-naħa l-oħra, il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri mill-flus tal-kontribwenti. Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri għandu riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina tas-suq. ***Peress li l-valutazzjoni tal-interess pubbliku hija deċiżjoni ad hoc, din nieqsa wkoll mit-trasparenza u għandha konsegwenzi negattivi fuq il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.*** Għalhekk, meta jivvalutaw l-objettiv li tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jsibu finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-SGD preferibbli ***u jenħtieġ li l-finanzjament*** permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri ***jitqies biss f'ċirkostanzi straordinarji***.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju straordinarju lill-istituzzjonijiet

finanzjarji, jekk ikun il-każ, jingħata biss f'ċirkostanzi straordinarji ta' natura sistemika jew li jappartjenu għal taqlib ekonomiku kbir ħafna, peress li jimponi piż sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi u jfixkel il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li l-eżitu tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku jkun negattiv biss meta l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza jilħaq l-objettivi ta' riżoluzzjoni b'mod aktar effettiv ***u mhux biss bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni***.	(12) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li l-eżitu tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku jkun negattiv biss meta l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza jilħaq l-objettivi ta' riżoluzzjoni b'mod aktar effettiv ***jew inaqqas ir-riskji ġenerali għall-ekonomija***.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Fid-deċiżjoni bejn ir-riżoluzzjoni u l-likwidazzjoni, l-għażla bl-inqas kostijiet ġenerali jenħtieġ li tkun ippreferuta. Dik il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis diversi kostijiet, inklużi dawk relatati mal-ħlasijiet tal-SGD, bħat-tul ta' żmien meħtieġ għall-irkupru tal-assi u l-introjtu mitluf matul il-proċess. F'każijiet fejn l-għażliet ta' riżoluzzjoni u ta' likwidazzjoni t-tnejn juru profili tal-kostijiet simili, jenħtieġ li tingħata preferenza lill-għażla li ġġib magħha inqas riskji assoċjati għall-ekonomija, li jinkludu l-finanzi

pubbliċi u l-impatt fuq l-istabbiltà tal-ekonomija.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a) Il-modifika fil-klassifikazzjoni tal-krediturі u t-tneħħija tas-superpreferenza għall-SGD mhux biss itejbu l-aċċessibbiltà tal-SGD u l-fond uniku ta' riżoluzzjoni (SRF) aktar milli l-użu tal-appoġġ pubbliku, iżda wkoll iwittu t-triq għal soluzzjonijiet aktar effettivi finanzjarjament fir-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Dan min-naħa tiegħu jenħtieġ li jnaqqas il-kostijiet għall-kontribwenti u jippromwovi użu effiċjenti tal-għodod differenti eżistenti fl-ekosistema finanzjarja tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ ***f'livell uniku***, fejn ***id-depożiti*** kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti***, mingħajr ebda differenzjazzjoni bejn tipi differenti ta' depożiti***. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti,	(38) Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tad-depożiti kollha tkun armonizzata bis-sħiħ permezz tal-implimentazzjoni ta' preferenza għad-depożitanti ġenerali b'approċċ ***fuq żewġ livelli***, fejn ***il-biċċa l-kbira tad-depożiti*** kollha jibbenefikaw minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla fuq il-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti f'riżoluzzjoni, f'insolvenza u f'miżuri preventivi dejjem jibqa' soġġett għall-konformità mal-kundizzjonalità rilevanti, b'mod partikolari

b’mod partikolari l-hekk imsejjaħ “test tal-inqas kost”.	l-hekk imsejjaħ “test tal-inqas kost”.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Preferenza għad-depożitanti ġenerali se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja tad-depożitanti u biex jiġi evitat aktar ir-riskju ta’ assalti bankarji. Il-protezzjoni mtejba tad-depożitanti hija allinjata wkoll mar-rwol ċentrali li għandhom id-depożiti fl-ekonomija reali, bħala l-għodda primarja għat-tfaddil u għall-pagamenti, kif ukoll fl-attività bankarja, fejn id-depożiti jirrappreżentaw sors importanti ta’ finanzjament u huma xprunatur ewlieni ta’ fiduċja fis-sistema bankarja, li ssir ta’ rilevanza partikolari fi żminijiet ta’ stress fis-suq. Barra minn hekk, preferenza għad-depożitanti ġenerali ttejjeb ir-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet billi żżid il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-aċċess għall-arranġamenti ta’ finanzjament ta’ riżoluzzjoni u tnaqqas l-ammont ta’ finanzjament meħtieġ minn dawk l-arranġamenti, minħabba r-riskju aktar baxx ta’ ksur tal-prinċipju li “l-ebda kreditur ma jmur agħar” fejn tingħata rikapitalizzazzjoni interna għad-dejn ordinarju mhux garantit. B’mod partikolari, it-tneħħija ta’ depożiti mill-klassi ta’ insolvenza ta’ pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti żżid il-kapaċità ta’ rikapitalizzazzjoni interna tal-pretensjonijiet ordinarji mhux garantiti li jifdal billi timminimizza r-riskju ta’ ksur tal-prinċipju li “l-ebda kreditur ma jmur agħar”. Billi titnaqqas il-probabbiltà li d-depożiti jiġu valwati b’mod negattiv jew ikkonvertiti biex jiġi żgurat l-aċċess għall-arranġamenti ta’ finanzjament ta’	***imħassra***

riżoluzzjoni, il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi sabiex l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna ssir aktar effettiva u kredibbli u twassal għal żieda fit-trasparenza u fiċ-ċertezza legali tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-preferenza għad-depożitanti ġenerali tikkontribwixxi wkoll għall-kredibbiltà tal-istrateġiji ta' trasferiment f'riżoluzzjoni, minħabba li tiffaċilita l-inklużjoni tal-kuntratt ta' depożitu kollu fil-perimetru tal-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej privat jew lil istituzzjoni tranżitorja, għall-benefiċċju tar-relazzjoni mal-klijenti u l-valur ta' franchise tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. Fl-aħħar nett, armonizzazzjoni sħiħa tal-klassifikazzjoni tal-insolvenza tad-depożitanti tkun ta' benefiċċju mill-perspettiva transfruntiera u ta' kundizzjonijiet ekwi.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Il-klassifikazzjoni tad-depożiti jenħtieġ li ssir b'rikonoxximent tad-diversità tat-tipi u d-daqsijiet tad-depożiti, u b'mod partikolari tirrikonoxxi l-importanza tad-depożiti użati għat-tranżazzjonijiet. Din id-Direttiva tintroduċi sistema ta' klassifikazzjoni tal-prijoritajiet fuq żewġ livelli għall-pretensjonijiet, li tirrifletti kemm l-argumenti ekonomiċi kif ukoll il-prekundizzjonijiet meħtieġa biex f'xi każijiet tkun tista' sseħħ riżoluzzjoni appoġġjata mill-SGD.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Approċċ tal-livell uniku għall-klassifikazzjoni tal-prijorità tad-depożiti skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza jikkontribwixxi għal protezzjoni aktar effiċjenti u inqas għalja tad-depożiti kollha. Għad-depożiti koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-finanzjament mill-SGD ta' miżuri oħrajn għajr l-iżborż tad-depożiti koperti, li jistgħu jkunu aktar effettivi u inqas ta' tfixkil fil-protezzjoni tal-aċċess għall-fondi ddepożitati, minħabba li ma jwasslux għal interruzzjoni tal-aċċess għall-kontijiet bankarji u għas-servizzi ta' pagament. Għad-depożiti li ma humiex koperti, dak l-approċċ jiffaċilita l-protezzjoni tagħhom fejn meħtieġ għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-fiduċja tad-depożitanti. Fl-aħħar nett, bl-introduzzjoni ta' flessibbiltà fl-użu ta' dawk il-mekkaniżmi potenzjalment inqas għaljin għall-protezzjoni tad-depożitanti, dak l-approċċ jimminimizza l-ħtiġijiet immedjati ta' żborż tal-SGD, u b'hekk jiżgura preservazzjoni aħjar tal-mezzi ta' finanzjament disponibbli tagħhom f'każ li jseħħu kriżijiet oħrajn u jnaqqas il-piż fuq is-settur bankarju, li jiġu eżerċitati biex jirrikostitwixxu dawk il-fondi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Is-sistema ta' prijorità fuq żewġ livelli, kif riflessa fl-emendi f'din id-

Direttiva għall-Artikolu 108 tad-Direttiva 2014/59/UE, tiżgura li d-depożiti esklużi mill-kopertura skont id-Direttiva 2014/49/UE, kif ukoll ċerti depożiti ta' entitajiet ġuridiċi li jaqbżu perjodu ta' maturità definit ta' 12-il xahar, igawdu minn klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla meta mqabbla ma' krediturі ordinarji mhux garantiti, iżda waħda li tkun aktar baxxa minn depożiti mhux esklużi mid-Direttiva 2014/49/UE, depożiti ta' SMEs u entitajiet ġuridiċi b'maturità ta' inqas minn 12-il xahar, kif ukoll pretensjonijiet mill-SGD li jissurrogaw għal depożiti koperti. Dak l-approċċ f'diversi livelli huwa mfassal biex jipprovdi protezzjoni msaħħa għal firxa wiesgħa ta' depożitanti, li jirrifletti l-karatteristiċi uniċi tad-depożiti tagħhom, filwaqt li jiftaħ il-possibbiltà ta' riżoluzzjoni għal entitajiet mhux koperti mill-qafas attwali.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE. Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza meta kienet qed twettaq il-valwazzjoni ex post	(44) Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tal-SGD f'riżoluzzjoni tkun soġġetta għal ċerti limiti. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġi żgurat li kwalunkwe telf li tista' ġġarrab l-SGD bħala riżultat ta' intervent f'riżoluzzjoni ma jaqbiżx it-telf li jkollha ġġarrab l-SGD f'insolvenza jekk tħallas lid-depożitanti koperti u tissurroga l-pretensjonijiet tagħhom fuq l-assi tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li dak l-ammont jiġi ddeterminat abbażi tat-test tal-inqas kost, f'konformità mal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE***, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, inkluż il-valur taż-żmien tal-flus kif ukoll id-dewmien fl-irkupru tal-fondi fi proċedimenti ta' insolvenza***. Jenħtieġ li dawk il-kriterji u l-metodoloġija jintużaw ukoll meta jiġi

għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" u tad-determinazzjoni ta' kwalunkwe kumpens dovut lill-SGD. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f'insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.

ddeterminat it-trattament li kienet tirċievi l-SGD kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti normali ta' insolvenza meta kienet qed twettaq il-valwazzjoni *ex post* għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" u tad-determinazzjoni ta' kwalunkwe kumpens dovut lill-SGD. It-tieni, jenħtieġ li l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-SGD li għandha l-għan li tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet li għandhom jiġu ttrasferiti lil xerrej jew lil istituzzjoni tranżitorja ma jaqbiżx id-differenza bejn l-assi ttrasferiti u d-depożiti u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla f'insolvenza minn dawk id-depożiti. Dan jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-SGD tintuża biss għall-finijiet li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' telf fuq id-depożitanti, fejn xieraq, u mhux għall-protezzjoni tal-krediturі li jikklassifikaw taħt id-depożiti f'insolvenza. Madankollu, jenħtieġ li s-somma tal-kontribuzzjoni tal-SGD biex tkopri d-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet bil-kontribuzzjoni tal-SGD lejn il-fondi proprji tal-entità riċeventi ma taqbiżx il-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti koperti kif ikkalkolat skont it-test tal-inqas kost.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) "funzjonijiet kritiċi" tfisser attivitajiet, servizzi jew operazzjonijiet li d-diskontinwità tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar twassal għal tfixkil tas-servizzi li huma essenzjali għall-ekonomija	(35) "funzjonijiet kritiċi" tfisser attivitajiet, servizzi jew operazzjonijiet li d-diskontinwità tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar twassal għal tfixkil tas-servizzi li huma essenzjali għall-ekonomija

reali jew għal tfixkil tal-istabbiltà finanzjarja fil-livell reġjonali ***jew nazzjonali***, minħabba d-daqs, is-sehem mis-suq, l-interkonnettività esterna u interna, il-kumplessità jew l-attivitajiet transfruntiera ta' istituzzjoni jew grupp, b'attenzjoni partikolari għas-sostitwibbiltà ta' dawk l-attivitajiet, is-servizzi jew l-operazzjonijiet;***";***	reali jew għal tfixkil tal-istabbiltà finanzjarja fil-livell ***nazzjonali, jew fil-livell*** reġjonali ***fuq skala sinifikanti***, minħabba d-daqs, is-sehem mis-suq, l-interkonnettività esterna u interna, il-kumplessità jew l-attivitajiet transfruntiera ta' istituzzjoni jew grupp, b'attenzjoni partikolari għas-sostitwibbiltà ta' dawk l-attivitajiet, is-servizzi jew l-operazzjonijiet;

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fin-nuqqas tal-bidliet imsemmija fl-ewwel subparagrafu fi 12-il xahar wara l-aħħar aġġornament annwali tal-pjan ta' rkupru, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw b'mod eċċezzjonali, sal-perjodu ta' 12-il xahar sussegwenti, l-obbligu li jaġġornaw il-pjan ta' rkupru.	Fin-nuqqas tal-bidliet imsemmija fl-ewwel subparagrafu fi 12-il xahar wara l-aħħar aġġornament annwali tal-pjan ta' rkupru, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw b'mod eċċezzjonali, sal-perjodu ta' 12-il xahar sussegwenti, l-obbligu li jaġġornaw il-pjan ta' rkupru. ***Tali rinunzja ma għandhiex tingħata għal aktar minn żewġ perjodi konsekuttivi ta' 12-il xahar.***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mill-aktar fis possibbli meta jqisu li hemm riskju materjali li waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi fl-Artikolu 32(4) japplikaw b'rabta ma' istituzzjoni jew entità msemmija ***fil-punti*** (b), (c) jew (d) ***tal-***	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mill-aktar fis possibbli meta jqisu li hemm riskju materjali li waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi fl-Artikolu 32(4) japplikaw b'rabta ma' istituzzjoni jew entità msemmija ***fl-Artikolu 1(1), il-punti*** (b), (c)

Artikolu 1(1). Dik in-notifika għandu jkun fiha:

jew (d)***, inkluż wara li jiġu esplorati miżuri li jipprevjenu l-falliment tal-istituzzjoni jew l-entità***. Dik in-notifika għandu jkun fiha:

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 30a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li jkunu rċevew in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija ***fil-punt*** (***b***) ***tal-Artikolu 32***(***1***), filwaqt li jqisu l-ħeffa tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija ***fil-punti*** (b), (c) jew (d) ***tal-Artikolu 1(1)***, il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw dik il-valutazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mill-aktar fis possibbli.	Wara li jkunu rċevew in-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija ***fl-Artikolu 32***(***1***)***, il-punt*** (***b***), filwaqt li jqisu l-ħeffa tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija ***fl-Artikolu 1(1), il-punti*** (b), (c) jew (d)***, ir-riskju li proċess estiż iżid il-kostijiet ġenerali għall-klijenti u l-ekonomija***, il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw dik il-valutazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti mill-aktar fis possibbli.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti ***d-depożitanti, filwaqt***	(d) li jiġu protetti ***d-depożitaturi*** u li

li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE; ***";***	jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) b'kunsiderazzjoni taż-żmien, tal-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u ta' ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, azzjoni superviżorja, miżuri ta' intervent bikri, jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali u l-obbligazzjonijiet eliġibbli rilevanti kif imsemmija fl-Artikolu 59(2) meħuda fir-rigward tal-istituzzjoni, jipprevjenu ***l-falliment tal-istituzzjoni*** f'perjodu ta' żmien raġonevoli;	(b) b'kunsiderazzjoni taż-żmien, tal-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u ta' ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, azzjoni superviżorja, miżuri ta' intervent bikri, jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali u l-obbligazzjonijiet eliġibbli rilevanti kif imsemmija fl-Artikolu 59(2) meħuda fir-rigward tal-istituzzjoni, jipprevjenu ***lill-istituzzjoni milli tfalli jew li x'aktarx tfalli*** f'perjodu ta' żmien raġonevoli;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ***tal-punt*** (c) ***tal-paragrafu 1***, azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala fl-interess pubbliku meta l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun meħtieġa sabiex jintlaħqu u jkunu proporzjonati ma' wieħed jew aktar mill-objettivi ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 31 u	Għall-finijiet ***tal-paragrafu 1, il-punt*** (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala fl-interess pubbliku meta l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun meħtieġa sabiex jintlaħqu u jkunu proporzjonati ma' wieħed jew aktar mill-objettivi ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 31 u

meta l-istralċ tal-istituzzjoni taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ma jilħaqx dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni b'mod aktar effettiv.	meta l-istralċ tal-istituzzjoni taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ma jilħaqx dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni b'mod aktar effettiv. ***Meta l-oqfsa nazzjonali ta' insolvenza u ta' riżoluzzjoni jilħqu l-objettivi qafas b'mod simili, għandha tiġi ppreferuta l-għażla li timminimizza r-riskju għall-kontribwenti.***

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Minkejja l-eżitu tal-valutazzjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha dejjem tiġi ttrattata bħala li hija fl-interess pubbliku fejn l-objettiv tar-riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (c), jista' jkun f'riskju."

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt ca (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"5a. L-EBA għandha tikkontribwixxi għall-monitoraġġ u l-promozzjoni tal-applikazzjoni effettiva u konsistenti tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku msemmija fil-paragrafu 5.
	Sa ... [tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], l-EBA għandha tipprovdi rapport dwar il-

kamp ta' applikazzjoni u l-applikazzjoni tal-paragrafu 5 madwar l-Unjoni. Dak ir-rapport għandu jiġi kondiviż mal-Kummissjoni sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri deskritti fil-paragrafu 5 u l-impatt tagħhom fuq il-kundizzjonijiet ekwi.

Abbażi tal-eżiti tar-rieżami, jistgħu jiġu żviluppati proposti jew linji gwida bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza tas-suq u li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri."

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb ***serju*** fl-ekonomija ta' Stat Membru jew sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:	(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb ***fuq skala kbira ħafna*** fl-ekonomija ta' Stat Membru jew sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja ***meta din tkun affettwata b'mod negattiv minn avvenimenti sistemiċi ta' skala kbira***, l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1)	(d) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju ***b'reazzjoni għal theddida sistemika fuq skala kbira għall-istabbiltà***

tat-TFUE mogħtija fil-kuntest tal-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità skont l-Artikolu 32b ta' din id-Direttiva, għajr l-appoġġ mogħti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE.	***finanzjarja, kemm jekk kontinwa kif ukoll jekk potenzjali,*** jieħu l-forma ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE mogħtija fil-kuntest tal-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità skont l-Artikolu 32b ta' din id-Direttiva, għajr l-appoġġ mogħti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE.
	Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li**,** fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jirregolaw ***il-proċedimenti normali*** ta' insolvenza***, dawn li ġejjin ikollhom l-istess klassifikazzjoni ta' prijorità, li tkun ogħla mill-klassifikazzjoni pprovduta għall-pretensjonijiet ta' kredituri ordinarji mhux garantiti***:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jirregolaw ***il-proċeduri*** ta' insolvenza ***normali***:
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Parti integrali ta' sistema ġdida proposta għall-immaniġġjar ta' banek li qed ifallu hija modifika ta' superpreferenza eżistenti ta' pretensjonijiet għall-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD). Mingħajr din il-bidla, l-SGD tintuża b'mod predominanti fir-rwol tradizzjonali tagħha ta' "gwadann" u l-mekkaniżmu propost x'aktarx ma jintużax. Il-kisba ta' bilanċ fil-bidla fil-ġerarkija tal-pretensjonijiet fi ħdan il-qafas il-ġdid għandha tiżgura li xi partijiet ta' depożiti mhux koperti jiġu ttrattati pari passu mal-pretensjonijiet tal-SGD. Dan l-aġġustament huwa fundamentali għall-fattibbiltà u l-effettività tal-proposta, filwaqt li jiżgura li din tallinja mal-objettivi tal-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-flus tal-kontribwenti, il-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet u l-governanza responsabbli.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt a

Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) depożiti;	***(a) dawn li ġejjin ikollhom l-istess klassifikazzjoni ta' prijorità, li tkun ogħla mill-klassifikazzjoni prevista għall-pretensjonijiet ta' kredituri ordinarji mhux garantiti:***

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – punt a – punti i u ii

Test fis-seħħ	*Emenda*
(i) ***dik il-parti tad-depożiti eliġibbli minn persuni fiżiċi u minn impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju*** li ***taqbeż il-livell ta' kopertura previst fl-Artikolu 6*** tad-Direttiva 2014/49/UE;	(i) ***depożiti*** li ***huma eskluży mill-kopertura skont l-Artikolu 5*** tad-Direttiva 2014/49/UE; ***u***
(ii) depożiti ***minn persuni fiżiċi u minn impriżi*** mikro, żgħar u ta' daqs medju li ***jkunu depożiti eliġibbli kieku mhux għall-fatt li jkunu saru permezz ta' fergħat barra mill-Unjoni ta' istituzzjonijiet stabbiliti fi ħdan l-Unjoni.***	(ii) depożiti ***ta' entitajiet ġuridiċi li mhumiex intraprizi*** mikro, żgħar u ta' daqs medju***,*** li ***l-maturità tagħhom taqbeż it-12-il xahar;***

Or. en

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) depożiti magħmula permezz ta' fergħat li jinsabu barra mill-Unjoni ta' istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni;	***(b) depożiti għajr dawk imsemmija fil-punt (a), u skemi ta' garanzija tad-depożiti li jissurrogaw id-drittijiet u l-***

	obbligi tad-depożitanti koperti f'insolvenza, għandhom l-istess klassifikazzjoni ta' prijorità li hija ogħla mill-klassifikazzjoni prevista fil-punt (a).

Or. en

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) skemi ta' garanzija ta' depożiti li jissurrogaw għad-drittijiet u l-obbligi tad-depożitanti koperti f'insolvenza.";	***imħassar***

Or. en